**KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta’ Mejju 2009 (08.06) (OR. en)**

**10400/09**

**COPEN 101**
**EJN 31**
**EUROJUST 33**

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn : | Is-Sur Hans G NILSSON, Ministru, Rappreżentant Permanenti tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 3 ta’ April 2009 |
| lil: | Is-Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli |
| Nru dok. preċ.: | 16288/03 COPEN 132 EJN 17 EUROJUST 20 |
| Suġġett : | Aġġornament tan-notifiki u d-dikjarazzjonijiet Svediżi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri |

Għażiż Segretarju Ġenerali,

Jekk jogħġbok sib mehmuż aġġornament tan-notifiki u d-dikjarazzjonijiet Svediżi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.

(Għeluq kumplimentari)

(iffirmata) Hans G NILSSON

**Informazzjoni aġġornata mill-Isvezja**

Aġġornament tan-notifiki u d-dikjarazzjonijiet Svediżi f'konformità mal-Artikoli 6(3), 7, 8(2), 13(4), 25(2), 27(1) u 28(1) tad-Deċiżjoni Qafas tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri hija ppreżentata ma' din in-nota.

**Artikolu 6(3)**

L-awtoritajiet li ġejjin fl-Isvezja huma kompetenti għall-ħruġ u l-esekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

*Awtorità ġudizzjarja tal-ħruġ*

Mandat ta' arrest Ewropew għall-prosekuzzjoni jinħareġ mill-prosekutur pubbliku.

Mandat ta' arrest Ewropew għall-infurzar ta' sentenza ta' kustodja jew ta' forma oħra ta' detenzjoni jinħareġ mill-Bord Nazzjonali tal-Pulizija (Rikspolisstyrelsen).

*Awtorità ġudizzjara ta' esekuzzjoni*

L-awtoritajiet ġudizzjarji ta' esekuzzjoni fl-Isvezja huma l-prosekutur pubbliku u l-qrati ordinarji.

Fl-Isvezja, mandat ta' arrest Ewropew jiġi esegwit kif ġej:

Il-mandat ta' arrest Ewropew jintbagħat lill-prosekutur pubbliku kompetenti. Talba f'konformità mal-Artikolu 27(4) jew l-Artikolu 28(3) tintbagħat lill-prosekutur pubbliku li ttratta mal-kwistjoni taċ-ċediment tal-persuna mfittxija.

Tista' tinkiseb informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, mill-Bord Nazzjonali tal-Pulizija jew minn punt ta' kuntatt fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew meta jkun hemm dubji dwar liema prosekutur pubbliku huwa kompetenti li jittratta dwar il-mandat tal-arrest.

Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali
Unità internazzjonali
Kaxxa Postali 5553
114 85 STOKKOLMA
Tel: +46-8-453 66 00
Fax : +46-8-453 66 99
posta elettronika: registrator.riksaklagaren@aklagare.se

Bord Nazzjonali tal-Pulizija
Diviżjoni tal-Kooperazzjoni Internazzjonali bejn il-Pulizija
Kaxxa Postali 12256
102 26 STOKKOLMA
Tel: +46-8-401 37 00
Fax : +46-8-401 48 99
posta elettronika: ipo.rkp@polisen.se

Qorti tal-Belt jew tad-Distrett tiddeċiedi dwar il-kwisjtoni ta' ċediment meta ssir applikazzjoni mill-prosekutur pubbliku. Id-deċiżjoni tista' tkun appellata lill-Qorti tal-Appell u l-Qorti Suprema. Jeħtieġ permess għall-appell fil-Qorti Superma. L-istess proċedura tapplika għal talba skont l-Artikolu 27(4) jew l-Artikolu 28(3).

Minbarra l-proċedura ordinarja deskritta hawn fuq, il-prosekutur pubbliku huwa kompetenti li jiddeċiedi li mandat ta' arrest Ewropew ma għandux ikun esegwit jekk l-awtorità ġudizzjarja tal-ħruġ ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun ivvalutat jekk mandat ta' arrest Ewropew għandux ikun esegwit.

Il-kuntatti u l-korrispondenza kollha fi kwistjoni li tikkonċerna ċediment taħt mandat ta' arrest Ewropew għandhom isiru mill-prosekutur jew minn pulizija li qed jassisti fl-investigazzjoni.

**Artikolu 7**

L-Isvezja ser tuża kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tibgħat u tirċievi mandat ta' arrest Ewropew. Madankollu, l-awtorità ċentrali tal-Ministeru tal-Ġustizzja jista' jassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jekk huma jitlobu dan.

Ministeru tal-Ġustizzja
Diviżjoni għal Każijiet Kriminali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (BIRS)
Awtorità Ċentrali
103 39 STOKKOLMA
Tel: +46-8-405 10 00 (switchboard), +46-8-405 45 00 (uffiċċju)
Fax : +46-8-405 46 76
posta elettronika: birs@justice.ministry.se

**Artikolu 8(2)**

L-Isvezja ser taċċetta mandat ta' arrest Ewropew miktub bl-Isvediż, bid-Daniż, bin-Norveġiż jew bl-Ingliż jew mandat ta' arrest akkumpanjat minn traduzzjoni fi kwalunkwe waħda minn dawk il-lingwi.

**Artikolu 13(4)**

Il-kunsens għal ċediment jista' jiġi rrevokat mill-persuna li għaliha huwa mitlub iċ-ċediment jekk dan iseħħ qabel mal-qorti tkun ħarġet id-deċiżjoni tagħha dwar il-kwistjoni ta' ċediment.

**Artikolu 25(2)**

Il-Bord Nazzjonali tal-Pulizija huwa responsabbli li jirċievi talbiet għat-transitu u d-dokumenti meħtieġa, kif ukoll kwalunkwe korrispondenza uffiċjali oħra relatata ma' talbiet għat-transitu.

**Artikolu 27(1)**

L-Isvezja ma tagħtix il-kunsens imsemmi fl-Artikolu 27(1) għal prosekuzzjoni, għoti ta' sentenza jew detenzjoni għal reat ieħor kommess qabel iċ-ċediment mill-Isvezja.

**Artikolu 28(1)**

L-Isvezja ma tagħtix il-kunsens previst fl-Artikolu 28(1) għaċ-ċediment ta' persuna lil Stat Membru ieħor minbarra l-Isvezja f'konformità ma' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għal reat kommess qabel iċ-ċediment mill-Isvezja.

---